MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. MĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2016

Rikors Maħluf Numru: 131/16 LM

Wara s-sentenza numru 1497/94 FGC deċiża
fid-9 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet:

**Joseph Lia (791247M)**

**vs.**

**Carmelo sive Charles Muscat (16148M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Joseph Lia** (minn issa 'il quddiem "ir-rikorrent") ippreżentat fit-22 ta' Frar, 2016, u konfermat bil-ġurament tiegħu, li jaqra hekk:

*Illi b'sentenza tad-9 ta' Novembru, 1994 fl-ismijiet premessi, l-intimat Carmelo sive Charles Muscat ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €2,846.49 ekwivalenti għal LM1,222 bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv;*

*Illi minkejja li l-imsemmi Carmelo sive Charles Muscat ġie interpellat diversi drabi, hu baqa' ma ħallas xejn;*

*Illi l-esponent għandu interess li jesegwixxi s-sentenza hawn fuq imsemmija kontra l-intimat ai termini tal-Artikolu 259 (recte: Artikolu 258) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Joseph Lia vs. Carmelo sive Charles Muscat (Cit. Nru. 1497/1994/FGC) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Novembru, 1994 ai termini tal-artiklu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat li l-intimat **Carmelo sive Charles Muscat** (minn issa 'l quddiem, għalkemm debitament notifikat, naqas li jwieġeb u lanqas deher fis-seduta tas-26 ta' Mejju minkejja li kien notifikat.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat illi r-rikorrent permezz tar-rikors promotur tiegħu kkonferma bil-ġurament illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi, l-intimat baqa' ma ħallas xejn mis-

somma dovuta skont is-sentenza fl-ismijiet Joseph Lia vs. Carmelo sive Charles Muscat (Cit. Nru. 1497/1994/FGC) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Novembru, 1994.

Ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-avukat tar-rikorrent li ma tħallas xejn mill-ammont kif indikat fir-Rikors promotur.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2016, fejn ir-rikors tħalla għall-udjenza tal-lum għal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali dwar din l-azzjoni jintrabtu man-natura tal-azzjoni nnifisha, li r-rikorrent rabat espressament mal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 irid li "Wara - ... (a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi t-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafu (*a*), (ċ) u (d) tal-Artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut";

Illi l-imsemmi Artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-

eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

Illi fid-dawl ta' dak kollu li jissemma qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent seħħlu juri li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur u qiegħda fit-termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li r-rikorrent kien ottjena fil-konfront tal-intimati in virtù tas-sentenza fl-ismijiet *Joseph Lia vs. Carmelo sive Charles Muscat (Cit. Nru. 1497/1994/FGC)* deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Novembru, 1994 għall-bilanċ li għadu dovut mill-intimat.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat.**

Moqrija.